MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' April, 2004

Ċitazzjoni Numru. 445/2002/1

**Silvio Scicluna.**

**-vs-**

**Tiziana Sultana.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fis-17 t' April, 2002 li permezz tieghu l-attur ippremetta:

Illi l-kontendenti kienu fir-relazzjoni ta' gherusija, minn liema relazzjoni twieldet tarbija.

Illi bil-hsieb unikament ta' zwieg, l-kontendenti xtraw b' mod solidali l-fond (sic)“La Fontella”, Triq id-Dghajjes, Paola.

Illi r-relazzjoni fuq premessa thassret irrevokabilment.

Illi l-attur ma' jixtieqx jibqa' jidditjeni fi stat ta' ko-propjeta' tali fond.

Illi l-fond imsemmi mhux komodament divisibbli.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. tordna l-bejgh b' licitazzjoni tal-fond (sic)“La Fontella”, Triq id-Dghajjes, Paola u dan billi wara li jithallsu d-djun fuq il-fond il-bilanc jinqasam bejn f' sehem ugwali jew idoneji bejn il-partijiet.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta illi hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat li l-konvenuta ma' pprezentatx nota ta' l-eccezzjonijiet ghalkemm debitament notifikata u ghalhekk baqghet kontumaci skond il-ligi.

Rat l-affidavits li gew ipprezentati mill-attur.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku l-AIC Valerio Schembri.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Frar, 2004 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi l-attur qed jitlob li l-Qorti tordna l-bejgh in licitazzjoni tal-proprjeta' imesmmija li l-kontendenti kienu xtraw flimkien bi hsieb li jizzewgu, ghal xi ragunu l-eghrusija thassret u l-fond baqa' propjeta komuni taghhom.

L-attur qed jitlob li wara li jithallsu d-djun r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet f' ismha ugawli. Jidher li hu xtara l-oggetti li semma fl-affidavit tieghu u kwindi strettament ma hemmx lok ta' decizjoni dwar dawn l-oggetti sija ghaliex din mhijiex mitluba minnu fit-talbiet tieghu u kemm ghaliex la darba xtrahom hu ma hemm xejn x' izommu milli jiehu pussess taghhom izda din il-Qorti se tippronunzja fir-rigward biex ma jkunx hemm kontestazzjonijiet ohra bejn il-partijiet u anke ghaliex l-attur talab dikjarazzjoni dwar id-djun.

Ma hemmx kontestazzjoni li l-propjeta' mhijiex komodament divisibbli ghaliex anke mid-deskrizzjoni tal-propjeta' kontenuta fir-rapport tal-perit tekniku, huwa ovvju li ma' tistax issir divizjoni komoda tal-propjeta'.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tordna l-bejgh in licitazzjoni tal-propjeta' "La Fontanella", Triq id-Dghajjes, Paola, tadotta bhala stima dik rilaxxata mill-Perit Tekniku l-AIC Valerio Schembri u cioe' tletin elf Lira Maltin (Lm30,000) u li wara li jithallas id-dejn mal-Bank of Valletta ir-rikavat jinqasam fi kwoti ugwali bejn il-kontendenti; b' dan li l-attur qed jigi assenjat l-oggetti mobbli imsemmija fl-affidavit tieghu u cioe' washing machine, geyser, cooker u television bhala propjeta' assoluta tieghu.**

**L-ispejjez jithallsu fi kwoti ugwali bejn il-partijiet, izda dak ta' l-isgass ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------